MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 626/2009

**Road Construction Company Limited, numru tar-registrazzjoni tas-socjeta` C15677**

***kontra***

**Avv. Michelle Tabone fil-kwalita` taghha ta` Ekonomu ta` l-Eccellenza tieghu Monsinjur Arcisqof Pawl Cremona fil-kwalita` tieghu ta` Amministratur tal-Kurja Arciveskovili ta` Malta ; u tal-Beni tal-Entijiet Ekklesjastici ta` Malta annessi mal-istess Kurja**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-<u>26 ta` Gunju 2009</u> li jaqra hekk :–

*1. Illi s-socjeta` attrici hija l-proprjetarja ta` diversi porzjonijiet mill-art maghrufa bhala 'Ta` Ghajn Kelment' fil-limiti ta` Qala, Ghawdex, akkwistati minnha versu l-hlas ta` eluf kbar ta` liri, dawn il-kuntratti kollha saru wara ricerki assikurati sabiex gie stabbilit it-titolu tal-vendituri ;*

*2. Illi dwar din l-art din is-socjeta` ghandha permess validu sabiex topera barriera tal-gebel tal-qawwi mahrug lilha mill-Awtorita` ta` l-Ippjanar fit-tnax (12) ta` Novembru ta` l-elf disa` mija u tmienja u disghin (1998) ;*

*3. Illi appena din l-art giet akkwistata mis-socjeta` attrici, il-konvenut nomine holoq pretensjonijiet u beda jsostni li din l-art tifforma parti mit-territorju maghruf bhala 'Ta` Wardati' appartenenti lill-Abbazija ta` Sant`Antnin Abbati delli Navarra, amministrat mill-Kurja Arciveskovili, u ghalhekk ipproceda kontra l-attrici b`citazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fejn talab illi l-esponenti tizgombra mill-art akkwistata minnha sabiex il-Kurja tigi mantenuta fil-pussess li tallega li kellha fuq din l-art – Citazzjoni Numru 164/1998 – "Joseph Aquilina nomine vs Road Construction Limited". Din il-kawza giet deciza fl-1 ta` Awissu 2003 b`success ghas-socjeta` attrici odjerna, u minn dik is-sentenza ma giex intavolat appell ;*

*4. Illi fl-erbgha u ghoxrin (24) ta` Novembru ta` l-elf disa` mija u tmienja u disghin (1998) il-Kurja pprocediet kontra s-socjeta` attrici b`mandat ta` inibizzjoni b`talba li l-esponenti tinzamm provvizorjament milli tipprocedi b`xi xoghol ta` qtugh ta`*

*blat fl-art imsemmija liema ordni provvizorja inghatat. Dan il-mandat gie, pero`, irtirat fis-sitta (6) ta` Awissu ta` l-ef disa` mija u disgha u disghin (1999) ;*

*5. Illi l-Kurja ghamlet ukoll diversi kawzjonijiet mar-Registratur ta` l-Artijiet fuq l-art ta` l-attrici dwar liema kawzjonijiet huwa baqghet insistentement tinsisti ;*

*6. Illi ukoll, ripetutament il-Kurja ghamlet rapprezentazzjonijiet ma` l-Awtorita` ta` l-Ippjanar sabiex toggezzjona dwar il-hrug ta` permessi ta` l-izvilupp fuq l-art tas-socjeta` attrici ;*

*7. Illi dawn il-proceduri saru b`kapricc u mhux ghaliex verament kien hemm xi gustifikazzjoni ghalihom u fuq kollox mhux ghaliex huwa minnu li l-konvenuti ghandhom xi jedd ghal din l-art ;*

*8. Illi fil-fatt konsegwenza ta` dawn il-proceduri s-socjeta` ammont sostanzjali ta` danni li ghalihom huma responsabbli l-konvenuti ;*

*9. Illi ghalkemm il-Kurja giet interpellata diversi drabi sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta` dawn id-danni hija baqghet inadempjenti ;*

*Ghid ghalhekk inti konvenuta ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :-*

*1. Tiddikjara li l-Kurja, rapprezentata mill-konvenuta nomine, agixxiet abbuzivament u l-imsemmija proceduri saru kapricjozament u li konsegwentement hija responsabbli lejn is-socjeta` ghar-rizarciment tad-danni minnha sofferti ;*

*2. Tillikwida dawn id-danni ;*

*3. Tikkundannak sabiex thallas l-ammont hekk likwidat.*

*Bl-ispejjes inkluzi zewg Protesti Legali pprezentati fl-ismijiet "Road Construction Limited vs Joseph Aquilina noe" u "Road Construction Limited vs Vincent Ciliberti pro et noe", u l-ittra ufficjali prezentata fis-26 ta` Lulju 2007 kontra tieghek.*

*Il-konvenuta nomine mharrka ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qed tigi ngunta.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija attrici u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fil-25 ta` Awissu 2009 li taqra hekk :–

*1. Illi preliminarjament, il-konvenuta nomine ma hijiex il-legittima kontradittrici f`din il-kawza stante illi l-proceduri msemmija mis-socjeta` attrici u li, skond l-istess attrici, taw lok ghad-danni minnha pretizi ma gewx istitwiti mill-istess konvenuta nomine imma mill-Enti Guridiku Ekklezjastiku l-Giuspatronat Lajkali San Antonio Abbate delli Navarre kif pjenament jirrizulta minn kopja tal-istess sentenza tal-1 ta` Awissu 2003, Citaz. Nru. 164/1998G1 (PC) li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata 'Dok. XX' ;*

*2. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, it-talba attrici in kwantu diretta kontra l-konvenuta nomine hija preskritta skond il-Ligi bil-preskrizzjoni ta` sentejn ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili – Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*3. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, il-proceduri msemmija fil-premessi tar-Rikors Guramentat ma jaghtux lok ghal ebda danni u ma joholqux responsabilita` delittwali u hija l-gurisprudenza pacifika u kostanti illi l-fatt li persuna tkun bdiet proceduri legali maghduda maghha l-hrug ta` mandati biex jikkawtelaw dik l-azzjoni li wara l-istharrig tal-Qorti ma tigix milqugha, ma jfissirx b`daqshekk illi kull procedura kienet saret b`abbuz ta` dritt li tirrikorri lejn il-Qorti vide "Denaro vs Page", 24.01.1895, (kollez. )*

*4. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, mhux minnu l-konvenuti kkawzaw xi danni lil proprjeta` attrici ;*

*5. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju d-danni reklamati huma eccessivi.*

*(I) Illi, rigward il-fatti esposti bir-Rikors Guramentat l-esponenti tikkontesta l-fatti kif elenkati fl-imsemmi Rikors Guramentat u ghar-rigward tal-fatti ndikati f`din ir-Risposta Guramentata l-esponenti nomine tiddikjara illi taf bl-imsemmija fatti di scientia propria.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuta u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-risposta guramentata.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tat-8 ta` Ottubru 2009 fejn, in vista tal-ewwel eccezzjoni, idderigiet lill-partijiet sabiex jipprezentaw id-dokumenti kollha fil-pussess taghhom.

Rat id-dokumenti li l-kumpannija attrici pprezentat b`nota fid-9 ta` Novembru 2009.

Rat id-dokumenti li l-konvenuta pprezentat b`nota fit-12 ta` Novembru 2009.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-30 ta` Novembru 2009 fejn il-partijiet qablu li jiskambjaw noti ta` osservazzjonijiet dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tas-26 ta` April 2010 fejn, wara li semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet, halliet il-kawza ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni.

Rat is-sentenza li tat fis-16 ta` Settembru 2011 fejn cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta, spejjez ghall-konvenuta.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tal-21 ta` Novembru 2011 fejn laqghet it-talba tal-konvenuta sabiex tappella mis-sentenza taghha tas-16 ta` Settembru 2011.

Rat is-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fit-28 ta` Settembru 2012 fejn filwaqt illi hassret is-sentenza ta` din il-Qorti tal-21 ta` Novembru 2011, u filwaqt illi halliet impregudikat il-mertu tal-ewwel eccezzjoni, ordnat li l-atti jigu rimessi lil din il-Qorti sabiex jitkompla s-smigh fuq il-binarju illi l-konvenuta hija dik li juri l-occhio tal-kawza, u li l-Guspatronat Lajkali San Antonio delli Navarra ma huwiex parti fil-kawza. Decizjoni dwar l-ispejjez tinghata fis-sentenza finali.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-19 ta` Novembru 2012 fejn il-partijiet qablu li tigi trattata u deciza it-tieni eccezzjoni.

Semghet ix-xiehda ta` Raymond Bonnici fl-udjenzi tal-11 ta` Frar 2013 u tal-14 ta` Ottubru 2013 u rat id-dokumenti li pprezenta bhala prova.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezentat il-konvenuta fil-5 ta` Marzu 2013, fit-22 ta` April 2013 u fit-13 ta` Jannar 2014.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezentat il-kumpannija attrici fl-10 ta` Gunju 2013.

Semghet ix-xiehda ta` Rev. Karm Busuttil fl-udjenza tat-13 ta` Jannar 2014.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

**Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-15 ta` Settembru 2014 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza dwar it-tieni eccezzjoni.**

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Provi

**Raymond Bonnici** – Property Manager tal-Kurja ta` Malta sa minn Dicembru 1994 – ipprezenta kopja ta` protest li kien ipprezentat fis-6 ta` Lulju 2001 (Dok RB1). Dak il-protest kien jittratta pretensjoni ghall-hlas ta` danni li allegatament kienu ikkagunati mill-Kurja meta saret kawza dwar art li l-Kurja kienet qeghda tghid li kienet tappartjeni lill-Abbazija San Antonio delli Navarra. L-azzjoni kienet istitwita mill-E.T. l-Arcisqof ta` Malta bhala Amministratur tal-Entitajiet, b'mod partikolari f'isem il-Guspatronat Lajkali San Antonio, Abbazija San Antonio delli Navarra. Il-protest kien ipprezentat mis-socjeta` attrici. In segwitu, is-socjeta` attrici pprezentat kawza li kienet deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-2 ta' Gunju 2005. Wara dik il-kawza, is-socjeta` attrici pprezentata ittra uffijcali fid-29 ta' Lulju 2005 kontra Vincent Ciliberti proprio u kontra Dr. Michelle Tabone bhala Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof, fil-kwalita tieghu ta' Amministratur tal-Beni tal-Entitajiet Ekklesjastici ta' Malta, ghan-nom tal-Guspatronat Lajkali San Antonio, Abbazija San Antonio delli Navarra. Saret ittra ufficjali ohra fis-26 ta' Lulju 2007. Il-Kurja rceviet ittra fil-25 ta` Awissu 2008 li ghaliha wiegbet fil-15 ta` Ottubru 2008.

**Fil-kontroezami,** Raymond Bonnici xehed illi l-Guspatronat huwa amministrat minn Mons Arcisqof, li huwa l-Amministratur tal-Entitajiet Ekklesjastici Djocesani kollha ta' Malta.

**Rev. Karm Busuttil** xehed illi huwa jahdem fl-ufficcju legali fi hdan l-amministrazzjoni tal-Kurja Arciveskovili ta` Malta. Ilu nvolut mill-1996. Kien muri l-ittri a fol 296 u 297 tal-process u stqarr li ma kienx jaf bihom. Ikkonferma li huwa kien habib personali tal-mejjet Av. Michael Grech. Gieli ltaqa` mal-Av. Grech, u ma`

rapprezentant tas-socjeta` attrici fil-Kurja dwar kwistjonijiet pendenti. Il-laqghat saru dejjem bla pregudizzju. Av. Grech miet fil-25 ta' Mejju 2004. Wara l-mewt tieghu, hadd ma rega` kellem lix-xhud. Ghal-laqghat kien ikun prezenti Raymond Bonnici, Property Manager tal-Kurja.

## III. Sottomissjonijiet

**Fis-sottomissjonijiet taghha, il-konvenuta noe** tikkontendi illi l-azzjonijiet kollha li tirreferi ghalihom is-socjeta` attrici ma sarux mill-Kurja Arciveskovili, jigifieri l-konvenuta, izda saru mill-Enti Guridiku Ekklesjaststiku, Giuspatronat Lajkali San Antonio, Abbazija San Antonio delli Navarra, li hija enti separata u distinta mill-Kurja Arciveskovili, kif gie issa ribadit minn sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta` Settembru 2012 fl-istess kawza tal-lum. Is-socjeta` attrici hija konxja minn dan l-fatt, tant illi meta s-socjeta` attrici pprezentat il-kawza originarjament, din ma gietx ipprezentata kontra l-konvenuta tal-lum izda kontra l-Giuspatronat Lajkali San Antonio Abbati delli Navarra. In segwitu l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) kienet laqghet l-eccezzjoni tal-*privilegium fori*, u s-socjeta` attrici pprezentat ittri ufficjali evidentement bil-ghan illi tinterrompi l-preskrizzjoni tas-sentejn. L-ittri ufficjali kienu prezentati kontra l-Enti Guridiku Ekklesjastiku Giuspatronat Lajkali San Antonio Abbati delli Navarra. Il-kawza tal-lum ma saritx kontra dan il-Giuspatronat iizda kontra "*il-Kurja Arciveskovili ta' Malta u l-Beni tal-Entitajiet Ekklesjastici ta' Malta.*" Ma saret l-ebda ittra ufficjali kontra l-Kurja Arciveskovili u kontra l-Beni Ekklesjastici. Hemm linja ta` demarkazzjoni netta li tiddistingwixxi l-Giuspatronat Lajkali San Antonio Abbati delli Navarra u l-konvenuta kif kien ribadit fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta' Settembru 2012.

**Fis-sottomissjonijiet taghha, is-socjeta` attrici** tirrileva illi mhuwiex kontestat illi hija pprezentat ittri ufficjali sabiex tinterrompi l-preskrizzjoni tas-sentejn. Izda kontrarjament ghal dak li ssottomettiet l-konvenuta fin-nota ta` osservazzjonijiet taghha, l-ittri ufficjali ma kienux prezentati biss kontra l-Giuspatronat Lajkali San Antonio Abbati delli Navarra izda wkoll kontra "*Avv. Michelle Tabone bhala Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof Giuseppi Mercieca fil-kwalita tieghu ta' amministratur tal-Beni tal-Entitajiet Ekklesjastici ta' Malta ghan-nom tal-Giuspatronat Lajkali San Antonio Abbati delli Navarra*" fl-indirizz tal-Kurja Arciveskovili ta` Malta, Pjazza San Kalcidonju, Floriana. Skond is-socjeta` attrici, l-unici differenzi bejn il-persuna ntimata fl-ittri ufficjali u l-konvenuta fil-kawza tal-lum huma i) l-isem tal-Arcisqof, peress illi meta saret il-kawza Mons Arcisqof kien Mons Pawlu Cremona, mhux Mons Giuseppi

Mercieca ; u ii) ghalkemm fl-ittri ufficjali l-Kurja Arciveskovili ta` Malta ma tissemmiex, l-ittri saru kontra l-Amministratur tal-Beni tal-Entitajiet Ekklesiastici ta' Malta ghan-nom tal-Giuspatronat Lajkali San Antonio Abbati delli Navarra. Ghalhekk fil-kawza tal-lum, Mons Arcisqof huwa mharrek kemm bhala Amministratur tal-Kurja Arciveskovili ta` Malta kif ukoll bhala Amministratur tal-Beni tal-Entitajiet Ekklesjastici ta' Malta. Billi l-ittri ufficjali kienu prezentati wkoll kontra l-Amministratur tal-Beni tal-Entijiet Ekklesjastici, l-atti fil-fatt kellhom l-effett illi jinterrompu l-preskrizzjoni, kontra dak li qeghda tallega l-konvenuta. Ghalkemm il-konvenuta ppruvat tiddistakka ruhha mill- Giuspatronat Lajkali San Antonio Abbati delli Navarra, mhuwiex kontestat illi dan il-Guspatronat huwa Enti Ekklesjastiku. Skond id-digriet tat-3 ta` Awissu 1983, huwa evidenti – skond is-socjeta` attrici – illi kien hemm centralizzazzjoni tal-amministrazzjoni tal-beni tal-Knisja. Ghalhekk kawza ghal risarciment ta` danni ma setghetx issir kontra l-Giuspatronat wahdu izda kellha ssir ukoll kontra Mons Arcisqof li huwa kemm l-Amministratur tal-Kurja Arciveskovili ta` Malta izda huwa wkoll l-Amministratur tal-Beni Ekklesjastici, li jikkomprendu dan il-Giuspatronat partikolari. Finalment, is-socjeta` attrici, bla pregudizzju ghas-sottomissjonijiet premessi, tirrileva illi kwalsiasi lacuna li hemm fil-kapacita` li fiha kien interpellat Mons Arcisqof ma jbiddel xejn fl-identita` tal-konvenut. (ara : "**Carmelo sive Charles Baldacchino vs Giuseppe Arcidiacono**" deciza mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta` Jannar 2007)

## IV. Konsiderazzjonijiet

Fil-kawza tal-lum kienet eccepita l-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici skond l-**Art 2153 tal-Kap 16** li jaqra :-

*L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn.*

### 1) Il-prova tal-preskrizzjoni

Fis-sentenza taghha tat-30 ta` Ottubru 2003 fil-kawza **"<u>Stencil Pave (Malta) Ltd vs Deguara et noe</u>**" din il-Qorti (**<u>PA/JRM</u>**) irriteniet illi –

*"hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici tista` tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmeri li ghadda z-zmien jew billi ggib `il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa` principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddhielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq".*

(ara wkoll "**<u>Holland noe vs Chetcuti</u>**" – Qorti tal-Appell – 25 ta` Frar 2000 ; "**<u>Vella vs Cefai</u>**" – Qorti tal-Appell - 5 ta` Ottubru 2001 ; "**<u>Portelli vs Psaila</u>" -** Prim`Awla tal-Qorti Civili - 29 ta` Mejju 2003 ; "**<u>Causon noe vs Sheibani</u>**" – Qorti tal-Kummerc – 4 ta` Dicembru 1987 ; "**<u>Camilleri vs Frendo</u>**" (Kollezz. Vol. XII.144) ; "**<u>Borg vs Testaferrata Bonici</u>**" – Qorti tal-Appell – 24 ta` Marzu 1958).

In partikolari fis-sentenza "**<u>Causon vs Sheibani noe</u>**" il-Qorti qalet illi –

"*min jeccepixxi l-preskrizzjoni hu obbligat li jaghmel prova sodisfacenti tad-data meta l-perijodu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri ghaliex diversament il-Qorti qatt ma tkun f'posizzjoni li tikkonstata jekk il-perijodu applikabbli tal-preskrizzjoni jkunx iddekorra jew le*".

Wara li l-eccipjent jaghmel il-prova, ikun imbaghad imiss lill-attur illi jipprova illi l-kors tal-preskrizzjoni ma jkunx ghadda (ara "**<u>Calleja vs Vella</u>**" – Qorti tal-Appell – 15 ta` April 1964).

**2) <u>Tifsira restrittiva</u>**

Il-preskrizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva u ghalhekk jekk ikun jezisti xi dubbju dwar l-applikabilita' taz-zmien preskrittiv, dak id-dubbju ghandu jmur kontra min ikun eccepixxa l-preskrizzjoni (**"Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited"** deciza minn din il-Qorti fit-12 ta' Ottubru 2004, u **"Ellul noe vs Vella noe"** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Mejju 2001).

Il-preskrizzjoni hija istitut li min-natura tieghu, irid jitqies fil-limiti stretti li tapplika ghalih il-ligi, u jitfisser dejjem b`mod li ma` jgibx fix-xejn il-ghan li ghandu jsir haqq fuq is-sustanza tal-kwistjoni.

**3) Dekorrenza**

**L-Art 2137 tal-Kap.16** jaqra hekk –

*Bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata minghajr ma jittiehed qies ta' l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha l-azzjoni tmiss.*

Huwa principju tad-dritt illi d-data li taghti bidu ghall-preskrizzjoni hi determinabbli oggettivament u tibda tiddekorri mill-fatt tal-hsara ("**Scicluna vs Tracey**" : Qorti tal-Appell : 22 ta` Gunju, 1900 [Vol.XVII.I.151] ; u "**Caruana vs Runza**" – PA - 7 ta` Mejju, 1999).

L-awturi **Baudry-Lacantinerie u Tissier** (*Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile : Della Prescrizione* - Cap XII, para 364 pag 279) jaffermaw illi –

*"Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e' nato il diritto o l'azione che e' destinata ad estinguere."*

Izjed ‘l quddiem (para 393 bis, pag 306, op.cit.) ighidu hekk –

*“La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell’evento che fa nascere il diritto rimasto finallora puramente eventuale”*

**4) Interruzzjoni**

**L-argument ewlieni tal-konvenuta noe huwa li l-azzjoni attrici hija preskritta ghaliex l-ittri ufficjali li s-socjeta` attrici pprezentat saru kontra *persuna* li mhijiex il-konvenuta noe.**

L-**Art 2128 tal-Kap 16** jaqra hekk :-

*Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll b’kull att ġudizzjarju ppreżentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur, innotifikat lill-parti li kontra tagħha wieħed irid li ma jħallix timxi l-preskrizzjoni, u li minnu jkun jidher biċ-ċar illi s-sid jew il-kreditur bi ħsiebhom iżommu l-jedd tagħhom.*

L-**Art 2129 tal-Kap 16** jista` jkun rilevanti ghall-kwistjoni tal-lum. Id-disposizzjoni taqra hekk :-

*Il-preskrizzjoni tinkiser allavolja t-talba, il-protest, jew att ġudizzjarju ieħor ikunu nulli minħabba difett ta’ forma, jew minħabba li jkunu ġew ippreżentati quddiem qorti li mhix il-qorti kompetenti.”*

Dwar din id-disposizzjoni tal-ahhar, din il-Qorti (**<u>PA/GC</u>**) fis-sentenza li tat fit-28 ta` Novembru 2003 fil-kawza "**<u>Transfreight Limited vs Mark Pirotta ezercenti fil-kummerc taht l-isem MP Contractors</u>**" irrilevat illi l-kaz li kellha quddiemha kien ta` *isem hazin jew inesistenti* li kien *gie interpellat ihallas.* Fil-fehma tal-Qorti dak kien *vizzju ta' sustanza u zgur li ma jistax jitqies bhala difett ta' forma.*

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fit-28 ta` Settembru 2012 fil-kawza tal-lum, jinghad hekk :-

***L-imħarrek f'din il-kawża ma huwiex il-Ġuspatronat Lajkali San Antonio Abate delli Navarra, u għalhekk hija għal kollox irrelevanti l-kwistjoni jekk dan il-ġuspatronat huwiex jew le rappreżentat minn Monsinjur Arċisqof, mill-Kurja Arċiveskovili jew mill-Ekonomu. Imħarrek huwa, kif jixhed l-occhio tal-kawża, Monsinjur Arċisqof Pawl Cremona fil-kwalità tiegħu ta' Amministratur tal-Kurja Arċiveskovili ta' Malta u tal-Beni tal-Entijiet Ekklesjastiċi ta' Malta annessi mal-istess Kurja, kif rappreżentat mill-Ekonomu tiegħu.***

**…**

***11. Mela jekk jinsab illi l-għemil li minnu tilmenta s-soċjetà attriċi huwa attribwibbli lill-konvenuta, il-konvenuta hija mħarrka sew (bla ħsara għall-kwistjoni jekk dak l-għemil tassew għamilx ħsara lill-attriċi) ; jekk, min-naħa l- oħra, jinsab illi dak l-għemil huwa attribwibbli mhux lill-konvenuta iżda lill-Ġuspatronat Lakjali San Antonio Abate delli Navarra, li għandu personalità ġuridika separata u li ma huwiex parti fil-kawża, mela l-konvenuta hija mħarrka ħażin.***

Issa fil-kawza tal-lum, l-imharrek hija :-

*Avv. Michelle Tabone fil-kwalita` taghha ta` Ekonomu ta` l-Eccellenza tieghu Monsinjur Arcisqof Pawl Cremona fil-kwalita` tieghu ta` Amministratur tal-Kurja Arciveskovili ta` Malta u tal-Beni tal-Entijiet Ekklesjastici ta` Malta annessi mal-istess Kurja*

Jirrizulta li l-ittri ufficjali in atti tad-29 ta` Lulju 2005 u tas-26 ta` Lulju 2007 kienu prezentati kontra u notifikati lill-*Avv. Michelle Tabone fil-kwalita` taghha ta` Ekonomu ta` Monsinjur Arcisqof Giuseppe Mercieca fil-kwalita` tieghu ta` Amministratur tal-Beni tal-Entijiet Ekklesjastici ta` Malta ghan-nom tal-Guspatronat Lajkali San Antonio Abbati delli Navarra.;*

Skond l-*occhio* **<u>il-konvenut</u>** fil-kawza tal-lum huwa fis-sostanza Monsinjur Arcisqof, bhala Amministratur tal-Kurja Arciveskovili ta` Malta, u tal-Beni tal-Entijiet Ekklesjastici ta` Malta annessi mal-istess Kurja.

L-intimat fl-atti gudizzjarji citati aktar `il fuq huwa Monsinjur Arcisqof ghall-**<u>Guspatronat Lajkali San Antonio Abbati delli Navarra</u>**.

Jekk issir riferenza ghall-*occhio* tal-kawza – li kienet il-prekursur ta` dik tal-lum – u cioe` dik li kienet prezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri bin-nru 75/2001, l-imharrek kien :

*Vincent Ciliberti kemm f'ismu kif ukoll bhala Ekonomu ta` Monsinjur Arcisqof Giuseppe Cremona fil-kwalita` tieghu ta` Amministratur tal-Beni tal-Entijiet Ekklesjastici ta` Malta ghan-nom tal-Guspatronat Lajkali San Antonio Abbati delli Navarra.*

**Fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell fuq citata, kien rilevat kjarament illi l-Guspatronat Lajkali San Antonio Abbati delli Navarra ghandu <u>personalita` guridika distinta</u> minn dik tal-konvenuta hekk kif imharrka fil-kawza tal-lum.**

**Dikjarazzjoni ta` din ix-xorta taghmel stat mhux biss ghall-partijiet izda anke ghar-rigward ta` din il-Qorti.**

**Meqjus l-assjem ta` fatti u cirkostanzi li ghandhom jitqiesu ta` sostanza ghad-decizjoni tal-lum, din il-Qorti tirrileva li l-ewwel ittra ufficjali kienetipprezentata fl-2005 ghall-fini tal-interruzzjoni skond l-Art 2153 tal-Kap 16. Dak l-att gudizzjarju kien ipprezentat kontra Monsinjur Arcisqof ghan-nom tal-Guspatronat.**

**L-att ma kienx ipprezentat kontra Monsinjur Arcisqof, fil-kwalita` tieghu ta` Amministratur tal-Kurja Arciveskovili ta` Malta u tal-Beni tal-Entijiet Ekklesjastici ta` Malta annessi mal-istess Kurja, kif jinsab imharrek fil-kawza tal-lum.**

**Billi centrali fil-kawza tal-lum, hemm materji ta` personalita` guridika, li huma ta` sostanza mhux ta` forma.**

**U billi, mill-assjem ta` fatti u cirkostanzi kif fuq imfissra, huwa evidenti illi fil-konfront tal-imharrka fil-kawza tal-lum, l-atti gudizzjarji li jirrizulta li kienu pprezentati, ma jwasslux ghall-interruzzjoni tal-preskrizzjoni fil-konfront taghha, din il-Qorti hija tal-fehma konsiderata, illi abbazi tal-assjem ta` fatti u cirkostanzi tal-kawza tal-lum, inkluza, ghalkemm mhux wahedha, id-decizjoni li tat il-Qorti tal-Appell fit-28 ta` Settembru 2012 fuq riferita, l-azzjoni attrici hija preskritta ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, a tenur tal-Art 2153 tal-Kap 16.**

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din l-kawza billi tilqa` t-tieni eccezzjoni tal-konvenuta noe.**

**Ghalhekk qeghda tiddikjara preskritta l-azzjoni attrici a tenur ta` l-Art 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta, bil-konsegwenza illi qeghda tichad it-talbiet attrici.**

**Tordna lis-socjeta` attrici sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------